

32006D0636

L 261/32

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

22.9.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Settembru 2006

li tistabbilixxi l-analiżi annwali mill-Istati Membri tal-ammont għall-għajnuna Komunitarja għall-iżvilupp rurali għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2007 u l-31 ta' Diċembru 2013

(notifikata nid-dokument numru C(2006) 4024)

(2006/636/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 69(4) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/493/KE (²) tistipula l-ammont tal-appoġġ Komunitarju favur l-iżvilupp rurali għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013, l-analiżi annwali kif ukoll l-ammont minimu għar-reġjuni li jistgħu jibbenfikaw mill-oġġettiv tal-“konverġenza”.

(2) Il-Punt 40 tal-Perspettivi Finanzjarji 2007-2013, miftiehma mill-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2005, iffissia l-livell massimu ta' trasferimenti mill-fondi li jsostnu l-Koeżjoni.

(3) Skont l-Artikolu 69(4) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, l-analiżi annwali mill-Istati Membri tal-ammonti għas-sostenn Komunitarju għall-iżvilupp rurali għandha ssir wara tnaqqis tar-riżorsi ddedikati lill-għajnuna teknika lill-Kummissjoni u b'kunsiderazzjoni tal-ammonti rriżervati għar-reġjuni eliġibbli taħt l-Għan ta' Konverġenza, rendiment fl-imgħodd i u qaghiet u bżonnijiet partikolari msejsa fuq il-kriterja tal-għan. Skont l-Artikolu 69(3) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, dawn l-ammonti għandu jkollhom indiċi ta' 2 % kull sena, filwaqt li skont il-paragrafu 5 ta' dak l-Artikolu, barra dawn

l-ammonti, l-Istati Membri għandhom iqisu l-Artikolu 12(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni (³).

(4) It-trasferimenti totali mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija lill-FAEŻR skont l-Artikoli 10(2), 143d u 143e tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa (⁴) huma stipulati mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/410/KE (⁵) għas-snin baġitarji 2007 sa 2013. Dawn l-ammonti għandhom jiżdiedu mal-analiżi annwali għal kull Stat Membru għall-ipprogramma tal-iżvilupp rurali, skont il-metodoloġija stabbilità fl-Artikolu 10(3) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. L-analiżi annwali mill-Istati Membri tal-ammonti li jirriżultaw mill-modulazzjoni stipulata fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għet allokkata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/588/KE (⁶).

(5) L-analiżi annwali m'għandhiex tinkludi l-ammonti għall-Bulgarija u r-Rumanija peress li t-Trattat ta' Adeżjoni ta' dawn il-pajjiżi għadu ma daħalx fis-seħħ. Mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni ta' dawn il-pajjiżi, l-analiżi annwali għandha tigħiġi emmendata kif xieraq biex tinkludi l-allokazzjonijiet għal dawk il-pajjiżi.

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-analiżi annwali mill-Istati Membri tal-appropriazzjonijiet għall-impenn għall-appoġġ Komunitarju għall-iżvilupp rurali għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013, kif imsemmi fl-Artikolu 69 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, hi stipulata fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

(¹) ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1.

(²) ĠU L 195, 15.7.2006, p. 22.

(³) ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 320/2006 (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

(⁴) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 319/2006 (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 32).

(⁵) ĠU L 163, 15.6.2006, p. 10.

(⁶) ĠU L 240, 2.9.2006, p. 6.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 12 ta' Settembru 2006.

*Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membra tal-Kummissjoni*

ANNESS

Analiżi mill-Istat Membru tal-appoġġ Komunitarju għall-iżvilupp rurali 2007-2013

	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2007-2013 total	EUR, prezzi jiet attwali li minimu tagħhom għar-raġunijiet t-eliġibbli taħt l-Għan ta' Konverġenza Total
Il-Belġju	63 991 299	63 957 784	60 238 083	59 683 509	59 267 519	56 995 480	54 476 632	418 610 306	40 744 223
Ir-Repubblika Ċeka	396 623 321	392 638 892	388 036 387	400 932 774	406 640 636	412 672 094	417 962 250	2 815 506 354	1 635 417 906
Id-Danimarka	62 592 573	66 344 571	63 771 254	64 334 762	63 431 467	62 597 618	61 588 551	444 660 796	0
Il-Ġermanja	1 184 995 564	1 186 941 705	1 147 425 574	1 156 018 553	1 159 359 200	1 146 661 509	1 131 114 950	8 112 517 055	3 174 037 771
L-Estonja	95 608 462	95 569 377	95 696 594	100 929 353	104 639 066	108 913 401	113 302 602	714 658 855	387 221 654
Il-Greċċa	461 376 206	463 470 078	453 393 090	452 018 509	631 768 186	626 030 398	619 247 957	3 707 304 424	1 905 697 195
Spanja	1 012 456 383	1 030 880 527	1 006 845 141	1 013 903 294	1 057 772 000	1 050 937 191	1 041 123 263	7 213 917 799	3 178 127 204
Franza	931 041 833	942 359 146	898 672 939	909 225 155	933 778 147	921 205 557	905 682 332	6 441 965 109	568 263 981
L-Irlanda	373 683 516	355 014 220	329 171 422	333 372 252	324 698 528	316 771 063	307 203 589	2 339 914 590	0
L-Italja	1 142 143 461	1 135 428 298	1 101 390 921	1 116 626 236	1 271 659 589	1 266 602 382	1 258 158 996	8 292 009 883	3 341 091 825
Ċipru	26 704 860	24 772 842	22 749 762	23 071 507	22 402 714	21 783 947	21 037 942	162 523 574	0
Il-Latvja	152 867 493	147 768 241	142 542 483	147 766 381	148 781 700	150 188 774	151 198 432	1 041 113 504	327 682 815
Il-Litwanja	260 974 835	248 836 020	236 928 998	244 741 536	248 002 433	250 278 098	253 598 173	1 743 360 093	679 189 192
Il-Lussemburgu	14 421 997	13 661 411	12 655 487	12 818 190	12 487 289	12 181 368	11 812 084	90 037 826	0
L-Ungernija	570 811 818	537 525 661	498 635 432	509 252 494	547 603 625	563 304 619	578 709 743	3 805 843 392	2 496 094 593
Malta	12 434 359	11 527 788	10 656 597	10 544 212	10 347 884	10 459 190	10 663 325	76 633 355	18 077 067
L-Olanda	70 536 869	72 638 338	69 791 337	70 515 293	68 706 648	67 782 449	66 550 233	486 521 167	0
L-Awstrija	628 154 610	594 709 669	550 452 057	557 557 505	541 670 574	527 868 629	511 056 948	3 911 469 992	31 938 190
Il-Polonja	1 989 717 841	1 932 933 351	1 872 739 817	1 866 782 838	1 860 573 543	1 857 244 519	1 850 046 247	13 230 038 156	6 997 976 121
Il-Portugall	562 210 832	562 491 944	551 196 824	559 018 566	565 142 601	565 192 105	564 072 156	3 929 325 028	2 180 735 857
Is-Slovenja	149 549 387	139 868 094	129 728 049	128 304 946	123 026 091	117 808 866	111 981 296	900 266 729	287 815 759
Is-Slovakkja	303 163 265	286 531 906	268 049 256	256 310 239	263 028 387	275 025 447	317 309 578	1 969 418 078	1 106 011 592
Il-Finlandja	335 121 543	316 143 440	292 385 407	296 367 134	287 790 092	280 508 238	271 617 053	2 079 932 907	0
L-İzvejza	292 133 703	277 225 207	256 996 031	260 397 463	252 975 513	246 760 755	239 159 282	1 825 647 954	0
Ir-Renju Unit	263 996 373	283 001 582	274 582 271	276 600 084	273 334 332	270 695 626	267 364 152	1 909 574 420	188 337 515
Total	11 357 312 403	11 182 240 092	10 734 731 213	10 827 092 785	11 238 887 764	11 186 469 323	11 136 037 766	77 662 771 346	28 544 460 460